KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 441 (8-69)

It-Tnejn 31 ta' Lulju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**441.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**441.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant.

**441.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**441.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 439 u 440. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**441.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**
Ma tqajmux punti mill-Minuti.

**441.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**441.3.1** Xogħolijiet infrastrutturali minn IM
Is-Sindku informa li x-xogħolijiet taħt l-art issa tlestew. Huwa qal li qed tiġi trattata l-kwistjoni tal-linji ta' parkeġġ fiż-żona, u ġew mitkellma anka sidien tal-ħwienet li qablu mal-proposti. B'hekk il-pjanta finali tal-proposta tat-traffiku qed tiġi finalizzata biex tintbagħat TM għall-approvazzjoni.

**441.3.2** Is-Sindku qal li mill-aħħar komunikat ma' IM, ix-xogħolijiet fil-junction ta' Ta' Brija ser jibdew għal Ottubru. Filwaqt li qed jintbagħtu tfakkiriet ukoll dwar ix-xogħolijiet fi Triq Annabelle Vassallo u Triq l-Imqabba.

**441.3.3** Family Park
Is-Sindku qal li rigward il-Family Park, qed isir il-clearance ta' trailers u vetturi goffi u ix-xogħol ser jibda mit-tħaffir tal-ġiebja.

**441.3.4** Żieda ta' siġar
Is-Sindku informa li inġiebu stimi għal tħaffir ta' konok fejn preżentement hemm bankina tal-konkos fil-parkeġġ ta' Triq Dun Manwel Zammit ma' Triq Kirċippu, biex eventwalment jitħawlu numru ta' siġar adatti.

**441.3.5** Laqgħat mal-Pulizija tal-Komunita'
Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu mal-pulizija tal-komunita' f'waħda mil-laqgħat mensili, fejn ġew trattati l-problemi ta' rimi illegali u valdalizmu fost oħrajn. Is-Sindku qal li talab rondi frekwenti u possibilment kuljum fil-bandli Nalizpelra meta x-xogħol ikun lest, u esprima l-proposta tal-Kunsill biex jitpoġġa għassa sa ċertu ħin fl-istess bandli. Is-Sindku tkellem ukoll dwar infurzar u serjeta meta jsir rapport ta' rimi illegali, fejn bħalissa hemm nuqqas serju ta' infurzar mill-awtoritajiet konċernati. Is-Sindku semma wkoll diversi punti (hotspots) fejn qed isir rimi illegali, wieħed minnhom Pjazza San Ġwann. Ġie ssuġġerit li jerġgħu jitqassmu fuljetti informattivi fl-akwati peress li minn informazzjoni hemm diversi residenzi mikrija lill-barranin u jista' jkun li dawn mhumhiex infurmati dwar is-servizzi li jeżistu. Madankollu, ġie mitlub li jkun hemm infurzar, u anka li titpoġġa waħda mis-cctvs li ser isiru dalwaqt mir-Reġjun.

**441.3.6** Problemi dwar servizzi ta' tindif
Is-Sindku qal li hemm diversi nuqqasijiet mill-kuntratturi tat-tindif u dan qed jidher ċar mill-bosta ilmenti li jidħlu kemm fl-uffiċċju u anka għand il-membri tal-Kunsill. Hu qal li kif diġa semma, l-abbuż ta' rimi illegali żdied konsiderevolment, u x-xogħol ta' tindif mhux qed ikun biżżejjed. Hu qal li sikwit tintalab l-għajnuna tad-

Dipartiment tat-Tindif li nsibu koperazzjoni sħiħa iżda li dawn iridu jlaħħqu ma' Malta kollha u mhux mas-Siġġiewi biss. Hu qal li l-contracts manager ta' kuljum isegwi l-ħaddiema, li ix-xogħol li qed jagħtu mhux sodisfaċenti. Il-Kunsillier Julian Borg qabel ma' li qal is-Sindku u qal li spiss ikun hemm l-istess ilmenti dwar nuqqas ta ' tbattil ta' bins, u nuqqas ta' knis tal-istess toroq fejn residenti jibagħtu ritratti jum wara jum bl-istess ħmieġ li jindika li l-kenniesa mhux qed jimxu mal-iskeda li hemm fil-kuntratt. Is-Sindku qal ukoll li fil-kuntratt tat-tindif rurali, fejn il-Kunsill qed iħallas ta' 2/3 ħaddiema full-time, ħafna drabi jkun hemm ħaddiem wieħed biss jew jinqabżu ġranet mingħajr ma jsir xogħol, bil-programm ta' xogħol dejjem sejjer lura. Huwa qal li minkejja diversi laqgħat li saru mal-kuntratturi fejn ġew imwiddba biex jimxu mal-obbligi kuntrattwali, jidher li x-xogħol mogħti mhux ta' livell. Is-Sindku qal li ser iqajjem dawn il-problemi fuq bażi reġjonali, għax is-sistema preżenti ta' procurement qed tirriżulta fi problemi serji fl-andament tax-xogħol fejn il-Kunsilli jkollhom jagħżlu l-irħas offerent, b'livell baxx.

**441.3.7** Għajnuna finanzjarja mir-Reġjun għal marki u sinjali tat-traffiku
Is-Sindku informa li r-Reġjun Punent allokaw ammont ta' €7000 għal kull Kunsill għal sinjali u marki tat-traffiku.

**441.3.8** Laqgħa mad-Direttorat tal-Kultura
Is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-Direttorat tal-Kultura fejn ġew proposti żewġ proġetti; esibizzjoni ta' arti waqt festa għeneb, u proġett ieħor biex jiġu identifikati persuni interessati fil-kultura iżda li mhumhiex popolari biex ikunu jistgħu jingħataw exposure. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex nidentifikaw daw il-persuni mil-lokal.

**441.3.9** B'referenza għas-Seduta 440 – Paċi Pubblika
Is-Sindku informa li din l-issue ġiet imqajma fis-Seduta tar-Reġjun biex ikun hemm azzjoni kollettiva. Hu qal li qed jistenna laqgħa mal-awtoritajiet tal-pulizija rigward infurzar. Is-Sindku qal li ser iżomm il-Kunsill aġġornat fuq din is-sitwazzjoni.

**441.3.10** Is-Sindku informa li hemm talba mill-Enemalta għal permess ta' trinkar estensiv għal bdil ta' cables fit-triq il-Qrendi, it-Triq tal-Providenza u Triq tal-Imqabba. Hu qal li qed isiru l-arranġamenti neċessarji biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli, u li dan ix-xogħol huwa fundamentali li jsir mill-iktar fis. Is-Sindku qal li saret laqgħa kemm mal-uffiċjali tal-Enemalta u anka rappreżentanti tal-Kuntrattur fejn għaliha kienu preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv u anka l-Kunsillier Julian borg, fejn ġie spjegat eżatt x-xogħol ħa jsir. Ġew iffurmulati sett ta' kundizzjonijiet fosthom li jinkesa l-wiċċ intier tat-triq anka peress li l-wiċċ sar riċentement, kif ukoll li jsir koordinament mar-residenti, stabbilimenti u attivitajiet kummerċjali oħra fit-toroq milquta. Ġie maqbul time-frame ta' tlett xhur u intalab li jkun hemm aġġornament frekwenti dwar ix-xogħol u li Triq is-Sejba tkun aċċessibbli sakemm jitlesta x-xogħol.

**441.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**441.5** **Xogħolijiet fil-bandli Nalizpelra**

**441.5.1** Xogħol fil-bandli Nalizpelra
Is-Sindku informa li inbeda x-xogħol ta' tneħħija tal-materjal qadim, fejn imbgħad ser isir ħasil bil-power wash tal-area u l-apparat, u jkun jista jibda it-tqegħid tal-materjal il-ġdid. Is-Sindku qal li ser jinbidel ukoll il-'pass you' li ma kienx inkluż fit-tender, għall-ammont ta' €1000, bl-istess materjal. Huwa qal li l-istima għal tiswijiet tal-appartat wara diversi atti vandali, u inkluż manutenzjoni u żebgħa biex ikun ta' standard hija ta' €5000. Qed jinħadmu wkoll bibien ġodda b'materjal iktar b'saħħtu, wara li dawn ġew valdaliżżati. Waqt li għaddej dan ix-xogħol, qed isir ukoll xogħol ta' żebgħa fil-gradi, u ġardinaġġ biex l-area tingħata uplift kompleta. Inġiebet stima

wkoll għal tiswija tac-cctvs eżistenti u ta' żewġ cameras ġodda fit-toilets b'total ta' €1265. Is-Sindku propona li jiżdiedu dawn iż-żewġ punti biex nissalvagwardjaw mill-valdaliżmu li jsir fit-toilets. Il-Kunsill unanimament qabel. Is-Sindku qal ukoll li qed nistħarrġu possibilita ta' żieda ta' siġar. Il-Kunsillier Kurstein Sant issuġġerixxa li jsiru konok fil-passaġġ ta' wara li jiġi taħt it-triq. Is-Sindku talab li niċċekjaw mal-perit jekk dan jistax isir. Kien hemm qbil dwar dan.

**441.6 Problema dwar ġbir ta' skart mit-trejqa fuq il-barriera ta' Bellula (Lapsi)**

Is-Sindku ta spjega tas-sitwazzjoni attwali dwar il-ġbir ta' skart ta' tmien residenti minn trejqa fuq il-barriera ta' Bellula. Il-kuntrattur preżenta risk assessment li jindika li t-trejqa mhix aċċessibbli minħabba periklu. Wara xhur li din il-problema ġiet diskussa bejn il-kuntrattur, uffiċjali mir-Reġjun Punent u l-Kunsill, u wara diverżi żjarat fuq il-post, ma ġiet preżentata l-ebda soluzzjoni, b'detriment għar-residenti li ma kienx qed jinġabrilhom l-iskart. Dan l-iskart akkumula għal xahrejn u s-sitwazzjoni ma kienetx aktar tenibbli, u allura wara diversi opzjonijiet u kuntatti, il-Kunsill sab persuna disposta tiġbor l-iskart mit-trejqa u jintrema fit-trakk tal-iskart, darba f'ġimgħa għall-ammont ta' €150 kull ġabra. Peress li kull resident għandu dritt għas-servizz ta' ġbir ta' skart, u anka peress li il-kuntratt qiegħed taħt ir-Reġjun, dan il-kont ser jintbagħat lir-Reġjun biex jiġi rifus. Rigward dan, ir-Reġjun informa lid-Dipartiment u qed jistenna risposta. Rigward din il-problema, is-Sindku qal li saret talba lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex jittella ċ-ċint tad-dawra tat-trejqa u ssir crash barrier biex b'hekk jitneħħa l-periklu u eventwalment ikun jista jinġabar mill-kuntrattur.

**441.7 Preparamenti għal Festa Għeneb 2023**

Is-Sindku qal li l-preperamenti għall-festa għeneb għaddejjin b'ritmu tajjeb. Hu qal li saret laqgħa mal-għaqdiet u dawk kollha interessati li jipparteċipaw fejn ingħatat spjega tal-avvenimenti u tqassmu l-applikazzjonijiet. Is-Sindku qal li bħal kull sena, din l-attivita' ssir bil-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza. Is-Sibt ser issir ikla b'koordinament mal-għaqdiet u sfilata. Huwa qal li iħeġġeġ ikel tradizzjonali u preferibilment prodott lokali. Il-Ħadd ser tkun iktar avveniment tradizzjonali bi istalls bi prodotti għal bejgħ u għal wiri, inbid lokali, snajja, u produtturi lokali. Il-Kunsillier Julian Borg ser jikkoordina l-kompetizzjoni tal-inbid. Waħda mill-attrazzjonijiet ta' din is-sena ser ikunu is-shelters fil-Pjazza, li qed jitnaddfu u jsirilhom dawl adekwat. L-Għaqda tan-Nar San Nikola ser tkun qed tagħti wirja bl-LEDs l-istess li biha kkompetiet f'rekond nazzjonali iktar kmieni din is-sena, filwaqt li l-Grupp tal-Armar ser iżejjen il-Pjazza bil-bandalori u armar. Ir-Reġjun Punent ser ikun qed joffri għajnuna finanzjarja sejn tidħol esibizzjoni ta' kultura, u shelters, filwaqt li l-attivita prinċipali tkun parzjalment finanzjata mill-iskema taħt il-Gvern Lokali.

**441.8 Manutenzjoni tal-istatwa tal-Madonna ta' Ħal Xluq**

**441.8.1** Is-Sindku qal li inġiebu stimi għal xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istatwa tal-Madonna ta' Ħal Xluq. Hu qal li ma hemmx ħafna ħsarat in ġenerali. Ix-xogħol mistenni jkun lest u jiġi inawgurat fil-festa ta' Ħal Xluq fid-19 t'Awwissu.

**441.9 Talbiet ta' arranġamenti tat-traffiku minn Public Transport**

**441.9.1** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Public Transport datata 20 ta' Lulju 2023, b'diversi proposti ta' arranġamenti u sinjali tat-traffiku minħabba l-aċċess tal-karozzi kbar. Is-Sindku preżenta dawn il-proposti. Hu qal li diversi marki diġa qegħdin eżistenti u hemm bżonn jiġu rinfreskati. Rigward talba biex jitwalu l-linji sofor u allura jitnaqqsu l-parkeġġi, il-Kunsill propona li r-rotta 201 tgħaddi minn Triq il-Għid minflok terġa ddur għal Triq Sta Margerita fejn qed issir il-problema ta' manuvrar.

**441.10** **Talba mill-Kumitat Tismija ta' Toroq dwar tismija ta' parti minn Triq id-Dejqa minħabba numerar**

**441.10.1** Is-Sindku rrefera għal talba mill-Kumitat Tismija tat-Toroq biex parti żgħira minn Triq id-Dejqa tingħata isem ieħor peress li qed isibu problema bin-numerar. Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, ġie maqbul unanimament li ma jsir l-ebda tibdil fl-isem tat-triq.

**441.11** **Ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**441.11.1** Is-Sindku qal li avviċinaħ persuna mill-Community Working Scheme li xtaq li jiġi assenjat mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għal xogħol in ġenerali ta' manutenzjoni. Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill qed jaħdem bi tlett ħaddiema u allura dejjem nistgħu inżidu l-workforce. Il-ħaddiem jitħallas mill-iskema u mhux mill-Kunsill. Il-Kunsill iħallas performance bonus annwali. Il-Kunsill unanimament qabel li nikkomunikaw mal-uffiċċju tal-CWS f'dan ir-rigward.

**441.12** **Tiġdid ta' Polza ta' assikurazzjoni Ċirkulari AKL2023/065**

**441.12.1** Is-Sindku rrefera għaċ-Ċirkulari u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Hija qalet li l-polza 'Life Policy' kienet ser tiskadi u l-AKL reġgħu qed joffru it-tiġdid bi prezz ta' €65 għal kull membru elett. Il-benefiċċju ta' din il-polza hija ta' ammont finanzjarju f'każ li membru elett jiġi nieqes waqt li jkun fil-kariga. Il-polza valida mill-1 t'Awwissu sal-31 ta' Lulju 2024. Is-Sindku propona t-tiġdid. Il-Kunsill unanimament approva.

**441.13** **Tiġdid ta' Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv 2023-2024 (Art.3.1.5, 3.1.9 PSMC)**

**441.13.1**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fadlilha ammont ta' vacation leave li minħabba raġunijiet ta' impenji ta' xogħol u anka peress li kellha ammont ta' leave imġedded mis-sena preċedenti ma kienx possibbli li jittieħed. Għalhekk, skond Art.3.1.5, 3.1.9 PSMC, qed titlob li iġġedded massimu ta' 100 siegħa għas-sena 2024. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva.

**441.14** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**441.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi. Il-Kunsillier Julian Borg elenka lista ta' permessi li fihom għandu kunflitt ta' interess: PA4414/23, PA2623/21, PA4344/23, RG267/23, PA6454/22, PA4038/23, RG426/23.

**441.15** **Rapport tal-Korrispondenza**

**441.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**441.16** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**441.17** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**441.18** **Approvazzjoni għal Management Letter**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Management Letter għas-sena finanzjarja 2022. Hija qalet li qed tiprepara r-risposta relatata biex b'hekk jingħalaq il-proċess tal-awditjar.

**441.19** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**441.19.1** Il-Kunsillier Kurstein Sant semma l-periklu li hemm fi Triq il-Fawwara, fejn l-istatwa tar-Ruħ biex taqsam. Hu ssuġġerixxa l-possibilta ta' zebra crossing. Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemmhekk diġa hemm 2 sets ta' rumble strips, u propona li ssir żebgħa ħamra biex tindika li trid tnaqqas il-veloċita.

**441.19.2** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għall-mozzjoni dwar il-paċi pubblika. Hu qal li jista' jkun b'koinċidenza, imma jidher li dan l-aħħar il-problema ta' storbju naqset. Il-Kunsillier staqsa jekk il-mozzjoni u d-deċiżjoni intbagħtitx lill-Membri eletti, u oħrajn kif indikat. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li intbagħtet. Is-Sindku qal li l-fatt li l-pubbliku jkun jaf li issue bħal din ġiet diskussa tagħmel effett u tħalli riżultat pożittiv. Hu qal ukoll li din ġiet diskussa fil-laqgħa reġjonali biex ikun hemm azzjoni kollettiva.

**441.19.3** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal mozzjoni diskussa f'Seduta 428 rigward immaniġġjar tat-traffiku, fejn ġie propost li jsir studju ħolistiku fuq numru ta' toroq. Il-Kunsiller staqsa jekk hemmx xi żviluppi. Is-Sindku wieġeb li qed isegwi ma' Infrastructure Malta rigward ix-xogħolijiet fi Triq l-Imqabba u Triq Lapsi fejn ma' dan il-proġett diġa hemm proposta ta' traffiku ċirkulari li jtaffi l-problema minn dawn it-toroq bħala parti mill-pjan ta' mmaniġjar tat-traffiku.

**441.19.4** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa meta ser jibda x-xogħol għal belisha crossings fi Triq Dun manwel Zammit. Is-Sindku wieġeb li issa li inġiebu l-istimi tax-xogħolijiet li jlaħħqu mat-tletin elf, qed issir talba lil Ministeru kkonċernat għal għajnuna finanzjarja. Sadattant, qed isir koordinament mal-kuntratturi biex jibda x-xogħol. Il-Kunsillier Borg saħaq fuq il-post eżatt fejn dawn il-pelikan crossings iridu jiġu.

**441.19.5** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar ir-rapport ta' residenti rigward ħsarat fil-basement minħabba ilma li joskula mill-bankina. Is-Sindku qal li wara spezzjoni li saret fil-basement in kwistjoni ġie nnutat li hemm nuqqasijiet strutturali fil-binja peress li anka bnadi oħra hemm umdita kbira.

**441.19.6** Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li hemm parti mill-puġġaman tat-taraġ ta' Għar lapsi nieqes. Is-Sindku qal li dan kien tkisser bil-maltemp u għandu jerġa jsir mid-Dipartiment tal-Cleansing.

**441.19.7** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet diversi każi ta'serq mill-bajja. Hija talbet biex ninfurmaw lill-Pulizija għal aktar rondi. Semmiet ukoll li qed ikun hemm vetturi pparkjati fiż-żona ta' Natura 2000.

**441.19.8** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix u tindif mar-roundabouts tal-area ta' Kirċippu u reġgħet semmiet Triq il-Muża fejn qed tisfronda bil-piż tat-traffiku. Qalet ukoll li tirċievi ilmenti spiss dwar nuqqas ta' knis fi Triq Blat il-Qamar fost oħrajn, u anka l-ħmieġ li jkun hemm ħdejn il-magna tal-BCRS.

**441.20** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 t'Awwissu 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 28 t'Awwissu 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv